# Magistrat
# Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Bonello**
**V**

**PAUL KAVANAGH**

**Illum, 15 ta' Mejju, 2001.**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **PAUL KAVANAGH** ta' wiehed u ghoxrin sena bin David u Pauline nee Zammit imwieled Birmingham, l-Ingilterra nhar t-tmintax ta' Jannar, 1978 u joqghod Flat 7, Alfrida, Sleima Road, Gzira, detentur tal-karta tal-identita numru 0017339A, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fit-tmienja ta' Mejju, 2000 ghall-habta tas-sebgha ta' filghodu waqt li kien residenti fil-komunita Frate Francesco, Triq G. Mannario, B'Kara kkommetta serq ta' oggetti fosthom kalci, zewg teki, hames relikwi, kaxxa tar-relikwi tal-qaddisin u arlogg antik liema serq sar ghad-detriment tal-imsemmija komunita u li huwa kkwalifikat bil-mezz,

persuna u valur li ma jiskorrix l-elf lira maltin. Huwa gie akkuzat talli fl-istess perjodu, zmien, lok u cirkostanzi voluntarjament hassar, ghamel hsara fl-imsemmija komunita liema hsara ma tiskorrix l-hamsin lira maltin imma izjed minn ghaxar liri maltin ghad-detriment tal-imsemmija komunita.

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ewwel ta' Frar, 2001 fejn l-istess Avukat Generali ta l-kunsens tieghu sabiex dawn il-proceduri jinstemghu sommarjament.

Rat li l-imputat permezz ta' verbal datat sebgha w ghoxrin ta' Frar, 2001 registrat fl-atti ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi deciza b'mod sommarju.

Semghet x-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll dawk prodotta mid-difiza.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat sa mill-bidu nett ta' dawn il-proceduri u cioe fis-seduta tal-hmistax ta' Mejju, 2001 u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-istess.

Rat l-fedina penali aggornata tal-imputat esibita mill-Ispettur Mario Bonello fis-seduta tas-sebgha w ghoxrin ta' April, 2001 minn fejn jirrizulta li l-imputat kien nstab hati ta' reat kontra l-Ordinanza tat-Traffiku fis-sena 1995 fejn kien gie mmultat erbghin lira maltin, talli ghamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta ta' haddiehor u dan fis-sena 2000 fejn gie kkundannat prigunerija ta' jumejn, ta' serq wkoll fis-sena 2000 fejn gie moghti ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn u ta' pussess ta' droga wkoll fis-sena 2000 fejn gie moghti ordni ta' probation ohra.

Semghet ghalhekk il-Probation Officer tal-imputat certa Victoria Grech minn fejn jirrizulta li in effetti hija ma kienetx giet nfurmata bl-ordni ta' probation mill-Qorti meta nghatat l-ewwel probation fl-erbgha ta' Lulju, 2000 izda saret taf b'din l-ordni biss wara li hadet konjizzjoni tat-tieni probation order u cioe fil-hamsa w ghoxrin ta' Settembru, 2000.

Illi il-Probation Officer stqarret li l-imputat dejjem zamm l-appuntamenti tieghu maghha b'mod regolari. Illi rnexxilha tottjenihlu *dual citizenship* u ghalhekk beda jirregistra wkoll ghax-

xoghol. Illi l-*urine tests* li ghamlet fuq l-imputat dejjem taw rizultat negattiv ghal presenza ta' droga.

Illi fil-fehma taghha l-imputat ghamel progress kbir tant li llum l-gurnata qed jghix go flat ta' zitu faccata taghha f'San Pawl il-Bahar.

Il-Qorti semghet wkoll lil Father John Mifsud jixhed fejn stqarr li r-res furtiva li ha l-imputat giet ritornata lilu in toto u li huwa ghan-nom tal-komunita ta' Frate Francesco kien hafirlu u li ma kellux aktar prendenzi mieghu.

Illi ghalhekk in vista tac-cirkostanzi fuq imsemmija l-Qorti thoss li ghandha taghti l-ahhar cans lil imputat sabiex jkompli jibbenifika minn ghajnuna li qed jinghata mill-Probation Officer Victoria Grech. Ghalhekk thoss li fic-cirkostanzi hija ghandha taghti probation order taht certi kundizzjonjijiet.

**Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikoli ndikati fin-nota tal-Avukat Generali datata l-ewwel ta' Frar, 2001 u tiddecidi billi tillibera lil imputat PAUL KAVANAGH bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghal perjodu ta' tlett snin that is-**

**supervizjoni tal-Probation Officer Victoria Grech taht l-kundizzjonijiet segwenti:**

1. **li l-imputat jkollu kuntatt regolari u kontinwu mal-Probation Officer fuq imsemmija u b'hekk ghandu jzomm kull appuntament regolari moghti lilu minnha;**
2. **li jissottometti ruhu ghal *urine testing* kull meta thoss li huwa l-kaz il-Probation Officer Victoria Grech;**
3. **li l-Probation Officer ghandha taghmel rapport kull sitt xhur lil Qorti dwar l-andament u progress tal-probationer.**

**Il-Qorti tordna komunika ta' din s-sentenza lil Probation Officer Victoria Grech.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**